# TAQSIMA IX — IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-*DATA*

## DĦUL — RIŻORSI PROPRJI

*Figuri*

| Titolu | Intestatura | Baġit 2014 | Baġit 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|---|---|
| 4 | MIXXELLANJA TA' TAXXI, IMPOSTI U MIŻATI TAL-UNJONI | 1 019 000 | 943 000 | 713 236,37 |
| 9 | DĦUL MIXXELLANJU | p.m. | p.m. | 0,— |
| | **Total** | **1 019 000** | **943 000** | **713 236,37** |

## TITOLU 4 — MIXXELLANJA TA' TAXXI, IMPOSTI U MIŻATI TAL-UNJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Baġit 2014 | Baġit 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|---|---|
| 4 0 | TNAQQIS MIR-REMUNERAZZJONI | 576 000 | 521 000 | 386 451,43 |
| 4 1 | KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-ISKEMA TAL-PENSJONI | 443 000 | 422 000 | 326 784,94 |
| | **Titolu 4 — Total** | **1 019 000** | **943 000** | **713 236,37** |

## KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MIR-REMUNERAZZJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2014 | Baġit 2013 | Outturn 2012 | 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| 4 0 | TNAQQIS MIR-REMUNERAZZJONI | | | | |
| ***4 0 0*** | ***Rikavat mit-taxxa fuq is-salarji, l-pagi u l-allowances tal-membri tal-istituzzjoni, tal-uffiċjali u tal-aġenti l-oħra*** | 498 000 | 446 000 | 331 882,41 | 66,64 % |
| ***4 0 3*** | ***Ħlasijiet tal-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-membri tal-istituzzjoni, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*** | p.m. | p.m. | 0,— | |
| ***4 0 4*** | ***Kontribut temporanju speċjali li jaffettwa r-remunerazzjonijiet tal-Membri tal-istituzzjoni, tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra f'inpjieg attiv*** | 78 000 | 75 000 | 54 569,02 | 69,96 % |
| | **Kapitolu 4 0 — Total** | **576 000** | **521 000** | **386 451,43** | **67,09 %** |

### *Artikolu 4 0 0 — Rikavat mit-taxxa fuq is-salarji, l-pagi u l-allowances tal-membri tal-istituzzjoni, tal-uffiċjali u tal-aġenti l-oħra*

*Figuri*

| Baġit 2014 | Baġit 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| 498 000 | 446 000 | 331 882,41 |

*Kummenti*

Il-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu.

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali kif ukoll tal-President, tal-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1).

Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2002 dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 1).

### *Artikolu 4 0 3 — Ħlasijiet tal-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-membri tal-istituzzjoni, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*

*Figuri*

| Baġit 2014 | Baġit 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Il-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu.

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali kif ukoll tal-President, tal-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1).

Ir-Regoli tal-Persunal ta' Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,u b-mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sal-15 ta' Diċembru 2003.

Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2002 dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 1).

### *Artikolu 4 0 4 — Kontribut temporanju speċjali li jaffettwa r-remunerazzjonijiet tal-Membri tal-istituzzjoni, tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra f'inpjieg attiv*

*Figuri*

| Baġit 2014 | Baġit 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| 78 000 | 75 000 | 54 569,02 |

*Kummenti*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tiegħu.

## Kapitolu 4 1 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-ISKEMA TAL-PENSJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2014 | Baġit 2013 | Outturn 2012 | 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| 4 1 | KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-ISKEMA TAL-PENSJONI | | | | |
| ***4 1 0*** | ***Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni*** | 443 000 | 422 000 | 326 784,94 | 73,77 % |
| ***4 1 1*** | ***Trasferimenti jew rifużjonijiet tad-drittijiet għall-pensjoni mill-ħaddiema*** | p.m. | p.m. | 0,— | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | **Kapitolu 4 1 — Total** | **443 000** | **422 000** | **326 784,94** | **73,77 %** |

### *Artikolu 4 1 0 — Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni*

*Figuri*

| Baġit 2014 | Baġit 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| 443 000 | 422 000 | 326 784,94 |

*Kummenti*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 83(2) tiegħu.

### *Artikolu 4 1 1 — Trasferimenti jew rifużjonijiet tad-drittijiet għall-pensjoni mill-ħaddiema*

*Figuri*

| Baġit 2014 | Baġit 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 4, l-Artikolu 11(2) u (3), u l-Artikolu 48 tal-Anness VIII tiegħu.

# TITOLU 9 — DĦUL MIXXELLANJU

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Baġit 2014 | Baġit 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|---|---|
| 9 0 | DĦUL MIXXELLANJU | p.m. | p.m. | 0,— |
| | **Titolu 9 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **0,—** |

## KAPITOLU 9 0 — DĦUL MIXXELLANJU

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2014 | Baġit 2013 | Outturn 2012 | 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| 9 0 | DĦUL MIXXELLANJU | | | | |
| ***9 0 0*** | ***Dħul mixxellanju*** | p.m. | p.m. | 0,— | |
| | **Kapitolu 9 0 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **0,—** | |

### *Artikolu 9 0 0 — Dħul mixxellanju*

*Figuri*

| Baġit 2014 | Baġit 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirċievi dħul mixxelanju.

# NEFQA — NEFQA

*Figuri*

| Titolu | Intestatura | Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|---|---|
| 1 | INFIQ RELATAT MAL-PERSUNI LI JAĦDMU FL-ISTITUZZJONI | 6 111 256 | 5 375 983 | 4 995 837,11 |
| 2 | BINI, TAGĦMIR U NFIQ RELATAT MAT-TĦADDIM TAL-ISTITUZZJONI | 2 321 000 | 2 285 426 | 2 262 708,00 |
| 3 | BORD EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA | p.m. | p.m. | |
| 10 | INFIQ IEĦOR | p.m. | p.m. | 0,— |
| | **Total** | **8 432 256** | **7 661 409** | **7 258 545,11** |

# TITOLU 1 — INFIQ RELATAT MAL-PERSUNI LI JAĦDMU FL-ISTITUZZJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | FF | Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 0 | MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI | 5 | 1 190 013 | 740 448 | 680 808,34 |
| 1 1 | PERSUNAL TAL-ISTITUZZJONI | 5 | 4 921 243 | 4 635 535 | 4 315 028,77 |
| | **Titolu 1 — Total** | | **6 111 256** | **5 375 983** | **4 995 837,11** |

# KAPITOLU 1 0 — MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 | 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 0 | MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI | | | | | |
| ***1 0 0*** | ***Remunerazzjoni, allowances u drittijiet oħra tal-membri*** | | | | | |
| 1 0 0 0 | Remunerazzjoni u allowances | 5.2 | 638 459 | 644 322 | 606 102,72 | 94,93 % |
| 1 0 0 1 | Drittijiet marbuta mad-dħul fi u t-tluq mis-servizz | 5.2 | 130 000 | p.m. | 0,— | |
| 1 0 0 2 | Allowances proviżorji | 5.2 | 296 000 | p.m. | 10 579,62 | 3,57 % |
| 1 0 0 3 | Pensjonijiet | 5.2 | 40 000 | 32 000 | 0,— | |
| 1 0 0 4 | Approprjazzjoni proviżorja | 5.2 | 11 160 | p.m. | 0,— | |
| | *Artikolu 1 0 0 — Sub-total* | | 1 115 619 | 676 322 | 616 682,34 | 55,28 % |
| ***1 0 1*** | ***Infiq ieħor relatat mal-Membri*** | | | | | |
| 1 0 1 0 | Taħriġ tal-persunal | 5.2 | 15 000 | 4 732 | 0,— | |
| 1 0 1 1 | Missjonijiet, ivvjaġġar fuq xogħol u infiq inċidentali | 5.2 | 59 394 | 59 394 | 64 126,00 | 107,97 % |
| | *Artikolu 1 0 1 — Sub-total* | | 74 394 | 64 126 | 64 126,00 | 86,20 % |
| | **Kapitolu 1 0 — Total** | | **1 190 013** | **740 448** | **680 808,34** | **57,21 %** |

## *Artikolu 1 0 0 — Remunerazzjoni, allowances u drittijiet oħra tal-membri*

### Partita 1 0 0 0 — Remunerazzjoni u allowances

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| 638 459 | 644 322 | 606 102,72 |

*Kummenti*

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta’ Lulju 1967 li jistabilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali kif ukoll tal-President, tal-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1).

Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-1 ta’ Lulju 2002 dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 1).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— il-finanzjament tas-salarji u l-allowances tal-membri, kif ukoll l-impatt tal-koeffiċenti ta’ korrezzjoni applikabbli għar-remunerazzjoni u għall-parti tal-emolumenti trasferiti lejn pajjiż ieħor minn dak tal-impjieg,

— il-kontribuzzjoni tal-istituzzjoni (0,87 %) lejn l-assigurazzjoni kontra r-riskji ta’ inċident u ta’ mard professjonali,

— il-kontribuzzjoni tal-istituzzjoni (3,4 %) lejn l-assigurazzjoni kontra l-mard,

— l-għotjiet għat-twelid,

— l-allowances f’każ ta’ mewt.

## Partita 1 0 0 1 — Drittijiet marbuta mad-dħul fi u t-tluq mis-servizz

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| 130 000 | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta’ Lulju 1967 li jistabilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali kif ukoll tal-President, tal-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1), u b’mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta’ ivvjaġġar tal-membri (inkluż tal-familji tagħhom) hekk kif jidħlu fis-servizz jew iħallu s-servizz, l-allowances ta’ installazzjoni jew ta’ installazzjoni mill-ġdid hekk kif jidħlu fi jew iħallu istituzzjoni u r-rimborż tal-ispejjeż relatati mat-traslokazzjoni hekk kif jidħlu fi jew iħallu l-istituzzjoni.

## Partita 1 0 0 2 — Allowances proviżorji

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| 296 000 | p.m. | 10 579,62 |

*Kummenti*

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta’ Lulju 1967 li jistabilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali kif ukoll tal-President, tal-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1), u b’mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-allowances proviżorji, l-allowances tal-familja kif ukoll il-koeffiċenti korrettiv applikat fir-rigward tal-pajjiżi ta’ residenza ta’ membri preċedenti tal-istituzzjoni.

## Partita 1 0 0 3 — Pensjonijiet

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| 40 000 | 32 000 | 0,— |

*Kummenti*

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta’ Lulju 1967 li jistabilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali kif ukoll tal-President, tal-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1), u b’mod partikolari l-Artikoli 8, 9, 15 u 18 tiegħu.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pensjonijiet għall-irtir u l-koefiċenti korrettiv applikat fir-rigward tal-pajjiżi ta’ residenza ta’ membri tal-istituzzjoni kif ukoll il-pensjonijiet tar-romol u tal-iltiema u l-koefiċenti korrettiv applikat fir-rigward tal-pajjiżi ta’ residenza tagħhom.

## Partita 1 0 0 4 — Approprjazzjoni proviżorja

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| 11 160 | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta’ Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-effett ta’ kwalunkwe aġġustament fir-remunerazzjoni u l-pensjonijiet li jista’ jsir mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja.

Din l-approprjazzjoni hija purament proviżorja u tista’ tintuża biss wara t-trasferiment tagħha lejn intestaturi oħra f’konformità mar-Regolament Finanzjarju.

# *Artikolu 1 0 1 — Infiq ieħor relatat mal-Membri*

## Partita 1 0 1 0 — Taħriġ tal-persunal

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| 15 000 | 4 732 | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq relatat mal-korsijiet tal-lingwi, seminars u korsijiet ta’ taħriġ professjonali.

## Partita 1 0 1 1 — Missjonijiet, ivvjaġġar fuq xogħol u infiq inċidentali

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| 59 394 | 59 394 | 64 126,00 |

*Kummenti*

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali kif ukoll tal-President, tal-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' ivvjaġġar, l-allowances ta' sussistenza ta' kuljum matul missjoni u spejjeż addizzjonali jew eċċezzjonali li jsiru matul missjoni.

## KAPITOLU 1 1 — PERSUNAL TAL-ISTITUZZJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 | 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 1 | PERSUNAL TAL-ISTITUZZJONI | | | | | |
| ***1 1 0*** | ***Remunerazzjoni, allowances u drittijiet oħra tal-uffiċjali u l-aġenti temporanji*** | | | | | |
| 1 1 0 0 | Remunerazzjoni u allowances | 5.2 | 4 138 405 | 3 872 366 | 3 572 485,58 | 86,33 % |
| 1 1 0 1 | Jeddijiet mad-dħul fis-servizz, mat-trasferiment u mat-tluq mis-servizz | 5.2 | 50 000 | 70 564 | 30 564,00 | 61,13 % |
| 1 1 0 2 | Ħin supplementari imħallas | 5.2 | p.m. | p.m. | 0,— | |
| 1 1 0 3 | Għotjiet għal assistenza speċjali | 5.2 | — | p.m. | 0,— | |
| 1 1 0 4 | Allowances u kontribuzzjonijiet mixxellanji mat-tmiem bikri mis-servizz | 5.2 | p.m. | p.m. | 0,— | |
| 1 1 0 5 | Approprjazzjoni proviżorja | 5.2 | — | p.m. | 0,— | |
| | *Artikolu 1 1 0 — Sub-total* | | 4 188 405 | 3 942 930 | 3 603 049,58 | 86,02 % |
| ***1 1 1*** | ***Aġenti oħra*** | | | | | |
| 1 1 1 0 | Aġenti kuntrattwali | 5.2 | 203 389 | 158 917 | 172 429,92 | 84,78 % |
| 1 1 1 1 | Spiża relatata ma' apprendistati u skambju ta' persunal | 5.2 | 179 428 | 179 428 | 149 428,00 | 83,28 % |
| 1 1 1 2 | Servizzi u xogħol li għandu jingħata b'kuntratt lil aġenti esterni | 5.2 | 51 202 | 51 202 | 99 202,00 | 193,75 % |
| | *Artikolu 1 1 1 — Sub-total* | | 434 019 | 389 547 | 421 059,92 | 97,01 % |
| ***1 1 2*** | ***Infiq ieħor relatat mal-persunal*** | | | | | |
| 1 1 2 0 | Missjonijiet, ivvjaġġar fuq xogħol u infiq inċidentali | 5.2 | 112 686 | 112 686 | 112 686,00 | 100,00 % |
| 1 1 2 1 | Spejjeż għar-reklutaġġ | 5.2 | 6 789 | 6 789 | 6 789,00 | 100,00 % |
| 1 1 2 2 | Taħriġ tal-persunal | 5.2 | 78 500 | 84 874 | 83 374,00 | 106,21 % |
| 1 1 2 3 | Servizz soċjali | 5.2 | p.m. | p.m. | 0,— | |
| 1 1 2 4 | Servizz mediku | 5.2 | 14 844 | 14 844 | 14 844,00 | 100,00 % |
| 1 1 2 5 | Ċentru tal-Unjoni ta' teħid ħsieb it-tfal u ċentri oħrajn ta' teħid ħsieb it-tfal matul il-jum u ċentri ta' wara l-iskola | 5.2 | 80 000 | 80 000 | 67 938,00 | 84,92 % |
| 1 1 2 6 | Relazzjonijiet bejn il-membri tal-persunal u interventi soċjali oħrajn | 5.2 | 6 000 | 3 865 | 5 288,27 | 88,14 % |
| | *Artikolu 1 1 2 — Sub-total* | | 298 819 | 303 058 | 290 919,27 | 97,36 % |
| | **Kapitolu 1 1 — Total** | | **4 921 243** | **4 635 535** | **4 315 028,77** | **87,68 %** |

*Kummenti*

Ġie applikat tnaqqis standard ta' 1,1% għall-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan il-kapitolu.

## *Artikolu 1 1 0 — Remunerazzjoni, allowances u drittijiet oħra tal-uffiċjali u l-aġenti temporanji*

### Partita 1 1 0 0 — Remunerazzjoni u allowances

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| 4 138 405 | 3 872 366 | 3 572 485,58 |

*Kummenti*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Kondizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— is-salarji ta' bażi tal-uffiċjali u l-aġenti temporanji,

— l-allowances għall-familja, inkluż l-allowance għall-kap tal-familja, l-allowance għat-tfal dipendenti u l-allowance għall-edukazzjoni,

— l-allowance għall-espatrijazzjoni u r-residenza barranija,

— il-kontribuzzjoni tal-istituzzjoni lejn assigurazzjoni għall-mard u lejn assigurazzjoni kontra inċidenti u mard konness max-xogħol,

— il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet lejn l-istabbiliment ta' fond speċjali tal-qgħad,

— il-ħlasijiet li għandhom isiru mill-istituzzjoni għal persunal temporanju sabiex ikunu kostitwiti jew miżmuma drittijiet għal pensjoni fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom,

— l-impatt tal-koeffiċenti korrettiv applikabbli għar-remunerazzjoni u l-proporzjon ta' emolumenti trasferiti lejn pajjiż ieħor minn dak tal-impjieg,

— l-għotjiet għat-twelid,

— l-ispejjeż ta' ivvjaġġar b'rata fissa mill-post ta' impjieg sal-post ta' oriġini,

— l-allowances għall-kera u t-trasport, u l-allowances għall-ospitalità b'rata fissa,

— l-allowances għall-ivvjaġġar b'rata fissa,

— l-allowance speċjali għall-uffiċjal tal-kontijiet u l-amministraturi ta' kontijiet ta' imprest.

### Partita 1 1 0 1 — Jeddijiet mad-dħul fis-servizz, mat-trasferiment u mat-tluq mis-servizz

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| 50 000 | 70 564 | 30 564,00 |

*Kummenti*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-spejjeż ta' ivjaġġar ta' uffiċjali (inkluż il-membri tal-familji tagħhom) li jidħlu fi jew jitilqu s-servizz jew għal riorganizzazzjoni ġeografika (Artikoli 20 u 71 u Artikolu 7 tal-Anness VII), l-allowances ta' installazzjoni, ta' installazzjoni mill-ġdid u ta' trasferiment (Artikoli 5 u 6 tal-Anness VII), l-spejjeż ta' ġarr (Artikoli 20 u 71 u Artikolu 9 tal-Anness VII), l-allowances temporanji ta' kuljum għal persunal obbligat ibiddel il-post ta' residenza tiegħu malli jassumi l-funzjonijiet tiegħu (Artikoli 20 u 71 u l-Artikolu 10 tal-Anness VII).

## Partita 1 1 0 2 — Ħin supplementari imħallas

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 56 tiegħu u l-Anness VI tiegħu.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlas ta' ħin supplimentari skont il-kondizzjonijiet previsti fid-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

## Partita 1 1 0 3 — Għotjiet għal assistenza speċjali

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| — | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 76 tiegħu.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-intervenzjonijiet li jsiru favur uffiċjali u aġenti oħra li jkunu f'sitwazzjonijiet partikolarment diffiċli.

## Partita 1 1 0 4 — Allowances u kontribuzzjonjiet mixxellanji mat-tmiem bikri mis-servizz

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 41, 50, 64, 65, 72 tiegħu, u l-Anness IV tiegħu.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- l-allowances li għandhom jitħallsu lill-persunal mogħti statut mhux attiv jew irtirat fl-interess tas-servizz,
- il-kontribuzzjoni ta' min iħaddem għall-assigurazzjoni għall-mard fil-każ ta' dawk li jirċievu l-allowances imsemmija hawn fuq,
- l-impatt tal-koeffiċenti korrettiv applikabbli għall-allowances imsemmija hawn fuq u l-impatt ta' kwalunkwe aġġustament fir-remunerazzjoni li l-Kunsill jista' jilħaq ftehim dwaru matul is-sena finanzjarja.

## Partita 1 1 0 5 — Approprjazzjoni proviżorja

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| — | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 65 u 65a tiegħu u l-Anness IX tiegħu.

Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-effett ta' kwalunkwe aġġustament fir-remunerazzjoni u l-allowances li jistgħu jsiru

mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja.

Din l-approprjazzjoni hija purament proviżorja u tista' tintuża biss wara t-trasferiment tagħha lejn intestaturi oħra f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

## *Artikolu 1 1 1 — Aġenti oħra*

### Partita 1 1 1 0 — Aġenti kuntrattwali

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| 203 389 | 158 917 | 172 429,92 |

*Kummenti*

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiża li jkollha x'taqsam mal-użu ta' aġenti kuntrattwali.

### Partita 1 1 1 1 — Spiża relatata ma' apprendistati u skambju ta' persunal

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| 179 428 | 179 428 | 149 428,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-allowances u l-ispejjeż ta' ivvjaġġar u ta' missjoni tal-apprendisti, kif ukoll l-assigurazzjoni kontra l-inċidenti u l-mard matul l-apprendistat.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-ispejjeż relatati mal-iskambji tal-persunal bejn il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* u s-settur pubbliku tal-Istati Membri u l-pajjiżi tal-EFTA li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), kif ukoll l-organizzazzjonijiet internazzjonali.

### Partita 1 1 1 2 — Servizzi u xogħol li għandu jingħata b'kuntratt lil aġenti esterni

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| 51 202 | 51 202 | 99 202,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-servizzi mwettqa minn persuni mhux konnessi mal-istituzzjoni b'mod partikolari l-persunal temporanju.

## *Artikolu 1 1 2 — Infiq ieħor relatat mal-persunal*

### Partita 1 1 2 0 — Missjonijiet, ivvjaġġar fuq xogħol u infiq inċidentali

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| 112 686 | 112 686 | 112 686,00 |

*Kummenti*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu u l-Artikoli 11, 12 u 13 tal-Anness VII tagħhom.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż relatati mat-trasport, il-ħlas tal-allowances ta' sussistenza ta' kuljum matul missjoni u spejjeż addizzjonali jew eċċezzjonali li jsiru matul missjoni.

## Partita 1 1 2 1 — Spejjeż għar-reklutaġġ

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| 6 789 | 6 789 | 6 789,00 |

*Kummenti*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 27 sa 31 u 33 u l-Anness III tiegħu.

Id-Deċiżjoni 2002/620/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tal-Kumitat u tar-Reġjuni u tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 53).

Id-Deċiżjoni 2002/621/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tal-Kumitat u tar-Reġjuni u tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 56).

Din l-approprjazzjoni ħija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-organizzazzjoni tal-konkorsi previsti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2002/621/KE kif ukoll l-ispejjeż ta' ivvjaġġar u ta' soġġorn tal-kandidati li jattendu l-eżamijiet orali u l-eżamijiet mediċi.

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll l-ispejjeż tal-organizzazzjoni ta' proċeduri għall-għażla tal-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali.

F'każijiet ġustifikati kif jistħoqq minn ħtiġijiet funzjonali u wara li jiġi kkonsultat l-Uffiċċju għall-Għażla tal-Persunal, din l-approprjazzjoni tista' tintuża għal kompetizzjonijiet organizzati mis-Supervisur Ewropew tal-Protezzjoni tad-*Data*.

## Partita 1 1 2 2 — Taħriġ tal-persunal

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| 78 500 | 84 874 | 83 374,00 |

*Kummenti*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24a, tagħhom.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-organizzazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ professjonali u ta' taħriġ mill-ġdid, inkluż korsijiet tal-lingwi organizzati fuq bażi interistituzzjonali, esterna u interna.

Hija tkopri wkoll l-ispejjeż relatati mat-tagħmir edukattiv u tekniku.

## Partita 1 1 2 3 — Servizz soċjali

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, bħala parti minn politika interistituzzjonali biex tgħin lill-persuni b'diżabbiltà (uffiċjali u aġenti temporanji f'impjieg attiv, il-konjuġi u t-tfal dipendenti tagħhom fit-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea), ir-rimbors, fi ħdan il-limiti tar-riżorsi disponibbli fil-baġit u wara li jkunu intużaw l-intitolamenti nazzjonali fil-pajjiż ta' residenza jew ta' oriġini, ta' spejjeż mhux mediċi, li jkunu rikonoxxuti bħala neċessarji bħala riżultat tad-diżabbiltà u li jkunu ġustifikati kif jistħoqq.

## Partita 1 1 2 4 — Servizz mediku

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| 14 844 | 14 844 | 14 844,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż relatati mal-eżaminazzjoni medika annwali għall- uffiċjali u l-aġenti l-oħra intitolati għaliha, inkluż l-analiżi u l-eżaminazzjonijiet mediċi mitluba in konnessjoni ma' dik l-eżaminazzjoni.

## Partita 1 1 2 5 — Ċentru tal-Unjoni ta' teħid ħsieb it-tfal u ċentri oħrajn ta' teħid ħsieb it-tfal matul il-jum u ċentri ta' wara l-iskola

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| 80 000 | 80 000 | 67 938,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* fl-ispejjeż relatati maċ-ċentru tal-Unjoni ta' teħid ħsieb it-tfal u ċentri oħrajn ta' teħid ħsieb it-tfal matul il-jum u ċentri ta' wara l-iskola.

## Partita 1 1 2 6 — Relazzjonijiet bejn il-membri tal-persunal u interventi soċjali oħrajn

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
| 6 000 | 3 865 | 5 288,27 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba:

— biex tkopri it-tħeġġiġ ta' u l-appoġġ finanzjarju għal skemi għall-promozzjoni tal-kuntatti soċjali bejn il-persunal ta' nazzjonalitajiet differenti, bħal per eżempju sussidji għal klabbs, assoċjazzjonijiet, attivitajiet kulturali tal-persunal, kif ukoll biex issir kontribuzzjoni lejn l-infiq relatat ma' ċentru permanenti tad-divertiment (attivitajiet kulturali u sportivi, eċċ.),

— kif ukoll tikkontribwixxi għall-ispejjeż ta' attivitajiet organizzati mill-Kumitat tal-Persunal (attivitajiet kulturali, attivitajiet ta' divertiment, ikliet, eċċ.).

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll l-implimentazzjoni ta' pjan tat-trasport għall-persunal biex jitħeġġeġ l-użu tat-trasport pubbliku, jitnaqqas l-użu tal-karozzi individwali u tiċċekken il-marka tal-karbonju.

# TITOLU 2 — BINI, TAGĦMIR U NFIQ RELATAT MAT-TĦADDIM TAL-ISTITUZZJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | FF | Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 0 | BINI, TAGĦMIR U NFIQ RELATAT MAT-TĦADDIM TAL-ISTITUZZJONI | 5 | 2 321 000 | 2 285 426 | 2 262 708,00 |
| | **Titolu 2 — Total** | | **2 321 000** | **2 285 426** | **2 262 708,00** |

# KAPITOLU 2 0 — BINI, TAGĦMIR U NFIQ RELATAT MAT-TĦADDIM TAL-ISTITUZZJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 | 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 0 | BINI, TAGĦMIR U NFIQ RELATAT MAT-TĦADDIM TAL-ISTITUZZJONI | | | | | |
| ***2 0 0*** | ***Kirjiet, piżijiet u nfiq ieħor immobiljari*** | 5.2 | 885 000 | 798 516 | 728 067,00 | 82,27 % |
| ***2 0 1*** | ***Infiq relatat mat-tħaddim u l-attivitajiet tal-istituzzjoni*** | | | | | |
| 2 0 1 0 | Tagħmir | 5.2 | 350 000 | 229 086 | 245 497,00 | 70,14 % |
| 2 0 1 1 | Fornimenti | 5.2 | 15 000 | 19 524 | 19 524,00 | 130,16 % |
| 2 0 1 2 | Infiq ieħor relatat mal-operazzjoni | 5.2 | 105 000 | 98 368 | 98 368,00 | 93,68 % |
| 2 0 1 3 | Spejjeż ta' traduzzjoni u interpretazzjoni | 5.2 | 775 000 | 875 000 | 930 000,00 | 120,00 % |
| 2 0 1 4 | Infiq għall-pubblikazzjoni u l-informazzjoni | 5.2 | 112 000 | 150 000 | 166 320,00 | 148,50 % |
| 2 0 1 5 | Infiq relatat mal-attivitajiet tal-istituzzjoni | 5.2 | 79 000 | 114 932 | 74 932,00 | 94,85 % |
| | *Artikolu 2 0 1 — Sub-total* | | 1 436 000 | 1 486 910 | 1 534 641,00 | 106,87 % |
| | **Kapitolu 2 0 — Total** | | **2 321 000** | **2 285 426** | **2 262 708,00** | **97,49 %** |

## *Artikolu 2 0 0 — Kirjiet, piżijiet u nfiq ieħor immobiljari*

*Figuri*

| Baġit 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Outturn 2012 |
|---|---|---|
